**A.L. 46 ta' l-1995**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

### Ordni ta' l-1995 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income)* (Repubblika ta' l-Indja)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

**1.** Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1995 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income)* (Repubblika ta' l-Indja).

Arranġamenti jkollhom seħħ.

**2.** Qiegħed jiġi hawnhekk dikjarat —

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni ġew magħmula mal-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indja sabiex jingħata ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin stabbiliti bil-liġijiet tar-Repubblika ta' l-Indja:

it-taxxa fuq l-*income* inkluża kull soprataxxa fuqha;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fit-8 ta' Frar, 1995.

## S K E D A

## FTEHIM BEJN MALTA U R-REPUBBLIKA TA' L-INDJA GĦALL-ĦELSIEN MINN TAXXA DOPPJA U BIEX TIĠI EVITATA EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

Il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indja, billi jixtiequ jagħmlu Ftehim għall-Ħelsien minn Taxxa Doppja u biex tiġi evitata evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, ftehmu kif ġej:

### KAPITOLU I

### GĦAN TAL-FTEHIM

### ARTIKLU 1

*Għan Personali*

Dan il-Ftehim għandu japplika għall-persuni li huma residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn.

ARTIKLU 2

*Taxxi Koperti*

(1) It-taxxi eżistenti li għalihom japplika dan il-Ftehim huma:

(a) f'Malta:

it-taxxa fuq l-*income*,
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta");

(b) fl-Indja:

it-taxxa fuq l-*income* inklużа kull soprataxxa fuqha;
(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' l-Indja").

(2) Il-Ftehim għandu wkoll japplika għal kull taxxa bħalhom jew li sostanzjalment tixbaħhom li jiġu imposti minn xi wieħed mill-Istati Kontraenti wara d-data li fiha dan il-Ftehim jiġi ffirmat b'żieda ma', jew minflok, it-taxxi msemmija fil-paragrafu (1). L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin b'kull tibdil sinjifikanti li jsir fil-liġijiet tagħhom rispettivi li jirrigwardaw it-taxxa.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Artiklu, dan il-Ftehim ma japplikax għal taxxa mħallsa jew li titħallas f'Malta skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (11) ta' l-artikolu 31 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123), dwar l-*income* taxxabbli ta' persuna li tkun taħdem fil-produzzjoni ta' żejt *petroleum* li jiġi prodott f'Malta, jew kull dispożizzjoni oħra sostanzjalment simili li tiġi imposta wara d-data tal-firma ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU II

TIFSIRIET

ARTIKLU 3

*Tifsiriet Ġenerali*

(1) Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(a) il-frażi "Indja" tfisser it-territorju ta' l-Indja u tinkludi l-baħar territorjali u l-ispazju ta' l-ajru fuq dak it-territorju, kif ukoll kull żona marittima oħra li l-Indja jkollha drittijiet sovrani fuqhom, drittijiet u ġurisdizzjonijiet oħra, skond il-liġi ta' l-Indja u skond id-dritt internazzjonali / il-Konvenzjoni tan-N.U. fuq il-Liġi tal-Baħar;

(b) il-frażi "Malta" meta użata f'sens ġeografiku tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra ta' l-Arċipelagu Malti, flimkien ma' l-ibħra territorjali tagħhom, u kull area barra mill-baħar territorjali ta' Malta li, skond il-liġi internazzjonali, hi hekk imsemmija jew aktar 'il quddiem tista' tissejjaħ, taħt il-liġi ta' Malta dwar il-Blata Kontinentali, bħala area li fiha d-drittijiet ta' Malta dwar qiegħ il-baħar u s-sottoswol u r-riżorsi naturali tagħhom jistgħu jiġu eżerċitati;

(ċ) il-frażi "kumpannija" tfisser kull għaqda korporata jew kull enti li titqies bħala għaqda korporata għall-finijiet ta' taxxa;

(d) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser fil-każ ta' l-Indja, il-Gvern Ċentrali fil-Ministeru tal-Finanzi (Dipartiment tad-Dħul) jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom; u fil-każ ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(e) il-frażi "Stat Kontraenti" u "l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru, skond ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem, l-Indja jew Malta;

(f) il-frażi "impriża ta' Stat Kontraenti" u "impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża li titmexxa minn residenti ta' Stat Kontraenti u impriża li titmexxa minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor;

(g) il-frażi "sena fiskali" għar-rigward tat-taxxa ta' l-Indja tfisser "is-sena ta' qabel" kif imfissra fl-*Income Tax Act, 1961* (43 ta' l-1961) u għar-rigward tat-taxxa ta' Malta tfisser is-sena li tiġi minnufih qabel "is-sena ta' stima" kif imfissra fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123);

(h) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport b'bastiment jew b'inġenji ta' l-ajru imħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti, barra minn meta l-bastiment jew l-inġenji ta' l-ajru ikunu mħaddma biss bejn postijiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor;

(i) il-frażi "nazzjonali" tfisser individwu li jkollu n-nazzjonalità ta' Stat Kontraenti u persuna ġuridika, soċjetà jew assoċjazzjoni li tikseb dak l-istat tagħha bis-saħħa tal-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Kontraenti;

(j) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija, korp ta' persuni u kull enti ieħor li jiġi stmat bħala unità taxxabbli skond il-liġijiet tat-taxxa li jkunu jseħħu fl-Istati Kontraenti rispettivi;

(k) il-frażi "taxxa" tifsser it-taxxa ta' l-Indja jew it-taxxa ta' Malta, skond ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem, iżda ma għandhiex tinkludi ammont li jkollu jitħallas minħabba f'xi nuqqas jew omissjoni għar-rigward ta' xi taxxi li dwarhom ikun japplika dan il-ftehim jew li jkun jirrappreżenta xi penali imposta li jkollha x'taqsam ma' dawk it-taxxi.

(2) Rigward l-applikazzjoni tal-Ftehim minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, ikollha l-istess tifsir kif mogħti lilha taħt il-liġi ta' dak l-Istat dwar it-taxxi li dan il-Ftehim japplika għalihom.

## ARTIKLU 4

### *Residenti*

(1) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat, hija suġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba d-domiċilju, ir-residenza, post tal-maniġġ jew xi kriterju ieħor ta' xorta bħal din.

(2) Fejn minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) individwu jkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, allura l-Istat tiegħu għandu jiġi determinat kif ġej:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat Kontraenti li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewġ Stati, huwa għandu jitqies li huwa residenti ta' l-Istat Kontraenti li miegħu ir-relazzjonijiet personali u ekonomiċi tiegħu jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

(b) jekk l-Istat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jistax jiġi determinat, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti fl-ebda Stat, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat Kontraenti li fih soltu jirrisjedi;

(ċ) jekk huwa s-soltu jirrisjedi fiż-żewġ Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu jkun nazzjonali;

(d) jekk huwa jkun nazzjonali taż-żewġ Stati jew ta' l-ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejniethom.

(3) Meta minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewġ Stati Kontraenti, din għandha għaldaqstant titqies bħala residenti ta' l-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post effettiv tal-maniġġ tagħha.

## ARTIKLU 5

*Stabbiliment Permanenti*

(1) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jiġi mmexxi għal kollox jew f'parti x-xogħol ta' l-impriża.

(2) Il-frażi "stabbiliment permanenti" tinkludi b'mod speċjali:

(a) post ta' maniġġ;

(b) fergħa;

(ċ) uffiċċju;

(d) fabbrika;

(e) ħanut tax-xogħol;

(f) minjiera, bir taż-żejt jew tal-gass, barriera jew kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali inkluż sit ta' *drilling* fuq il-baħar;

(ġ) art li tkun qegħda tinbena jew proġett ta' kostruzzjoni jew assemblaġġ jew attivitajiet superviżorji li għandhom x'jaqsmu ma' dan, meta dik l-art, proġett jew attivitajiet ikomplu għal perijodu ta' iktar minn sitt xhur.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, il-fraži "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu proprjetà ta' l-impriża;

(b) it-tiżmim ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' ħażna, wiri jew tqassim;

(ċ) it-tiżmim ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun proprjetà ta' l-impriża għall-iskop biss ta' proċessar minn impriża oħra;

(d) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss ta' xiri ta' oġġetti jew merkanzija jew ta' ġbir ta' tagħrif għall-impriża;

(e) it-tiżmim ta' post fiss ta' negozju għall-iskop biss li tagħmel, għall-impriża, xi attività oħra ta' xorta preparatorja jew awżiljarja.

(4) Persuna li tkun okkupata fi Stat Kontraenti fl-esplorazzjoni ta' qiegħ il-baħar u tas-sottoswol jew fl-esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali li jkunu jinsabu hemmhekk kif ukoll f'attivitajiet li jkunu komplementari jew awżiljarji għal dawk l-attivitajiet, titqies li tkun qed twettaq dawk l-attivitajiet permezz ta' stabbiliment permanenti f'dak l-Istat.

(5) Impriża ta' Stat Kontraenti titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk:

(a) ikun qed jintuża jew jiġi stallat tagħmir konsiderevoli f'dak l-Istat l-ieħor, minn, għal jew b'kuntratt ma' l-impriża;

(b) l-impriża twettaq attività superviżorja f'dak l-Istat li jkollha x'taqsam ma' l-użu tat-tagħmir imsemmi fis-subparagrafu (a).

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2), meta persuna — li ma tkunx aġent ta' status indipendenti li għaliha japplika l-paragrafu (7) — taġixxi għan-nom ta' impriża u għandha, u soltu twettaq fi Stat Kontraenti awtorità li tikkonkludi kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li għandha stabbiliment permanenti f'dak l-Istat dwar kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna ma jkunux limitati għax-xiri ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

(7) Impriża ta' Stat Kontraenti ma għandhiex titqies li jkollha stabbiliment permanenti fi Stat Kontraenti ieħor għaliex biss tmexxi negozju f'dak l-Istat ieħor permezz ta' sensal, aġent ġenerali b'kummissjoni jew xi aġent ieħor bi status indipendenti, meta dawk il-persuni jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

Iżda, meta l-attivitajiet ta' dak l-aġent ikunu għalkollox jew kważi għalkollox dedikati għal dik l-impriża, huwa ma għandux jitqies bħala aġent bi status indipendenti jekk it-transazzjonijiet bejn l-aġent u l-impriża ma jkunux saru f'kundizzjonijiet *at arm's length*.

(8) Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew li tmexxi negozju f'dak l-Istat l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), ma għandux fih innifsu jikkostitwixxi xi waħda mill-kumpanniji bħala stabbiliment permanenti ta' l-oħra.

## KAPITOLU III

## TASSAZZJONI TA' *INCOME*

### ARTIKLU 6

*Income minn Proprjetà Immobiljari*

(1) *Income* miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobiljari (inkluż *income* minn xogħol fl-agrikoltura jew fil-boskijiet) sitwata fl-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Il-frażi "proprjetà immobiljari" għandu jkollha l-istess tifsir li għandha taħt il-liġi ta' l-Istat Kontraenti li fih il-proprjetà li tkun hija sitwata. Il-frażi għandha f'kull każ tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobiljari, bhejjem u tagħmir użati fl-agrikoltura jew fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar proprjetà terrena, użufrutt ta' proprjetà immobiljari u drittijiet għal ħlasijiet li jvarjaw jew fissi bħala kumpens għall-ħdim ta', jew għall-jedd li jinħadmu jew li jiġu esplorati depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali. Bastimenti, dgħajjes u inġenji ta' l-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobiljari.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) għandhom ukoll japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu ta' kull xort'oħra ta' proprjetà immobiljari.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (3) għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobiljari ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobiljari li tkun użata għall-qadi ta' servizzi personali indipendenti.

### ARTIKLU 7

*Profitti minn Negozju*

(1) Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu ntaxxati biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impriża ma tmexxix negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk. Jekk l-impriża tmexxi negozju kif intqal qabel, il-profitti ta' l-impriża jistgħu jiġu ntaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss dik il-parti minnhom li tkun direttament jew indirettament attribwibbli għal dak l-istabbiliment permanenti. Il-kliem "direttament jew indirettament" ifissru, għall-għanijiet ta' dan l-Artiklu, li meta stabbiliment permanenti jkollu parti attiva fin-negozjar, firmar jew twettiq ta' kuntratti magħmulin mill-impriża, għaldaqshekk, minkejja li dik il-parti l-oħra ta' l-impriża tkun ukoll ħadet sehem f'dawk it-transazzjonijiet, għandu jiġi attribwit lill-istabbiliment permanenti dak il-proporzjon mill-profitti ta' l-impriża li joħorġu minn dawk il-kuntratti bħalma l-kontribuzzjoni ta' l-istabbiliment permanenti għal dawk it-transazzjonijiet ikollha għal dak ta' l-impriża kollha kemm hi.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3), meta impriża ta' Stat Kontraenti tmexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti f'kull Stat Kontraenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess kundizzjonijiet jew oħrajn bħalhom u li taħdem indipendentement għal kollox mill-impriża li tagħha hija stabbiliment permanenti jew mill-impriżi oħra assoċjati li tittratta magħhom.

(3) Biex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż ta' l-impriża, li jkun spejjeż li jsiru għall-għanijiet tal-istabbiliment permanenti (magħduda l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jsiru) u li jkunu jitnaqqsu li kieku l-istabbiliment permanenti kien enti indipendenti li jkun ħallas dawk l-ispejjeż, sew jekk ikunu saru fl-Istat Kontraenti li fih ikun hemm l-istabbiliment permanenti jew jekk ikunu saru band'oħra skond id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet tat-tassazzjoni ta' dak l-Istat u kif suġġetti għal-limiti mqegħda bl-istess liġijiet.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha tolqot l-applikazzjoni ta' xi liġi ta' Stat Kontraenti li jkollha x'taqsam ma' kif jiġi stabbilit kemm persuna għandha tħallas bħala taxxa, inkluż li jiġi stabbilit kemm għandu jitħallas bl-użu tad-diskrezzjoni jew bl-għemil ta' stima mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat f'każi li fihom, mit-tagħrif li l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat ikollha, ma jkunx possibbli jew prattiku li jiġu aċċertati xi jkunu l-profitti li kellu stabbiliment permanenti, kemm-il darba dik il-liġi tiġi applikata, daqskemm ikun jippermetti t-tagħrif li jkollha l-awtorità kompetenti, b'mod li jkun konsistenti mal-prinċipji ta' dan l-Artiklu.

(5) Ma għandhom jiġu attribwiti ebda profitti lil stabbiliment permanenti minħabba biss ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

(6) Għall-finijiet tal-paragrafi ta' qabel, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess mod minn sena għal sena kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u biżżejjed biex isir kuntrarju.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu m'għandhomx jolqtu d-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Stat Kontraenti dwar it-tassazzjoni ta' profitti fuq in-negozju ta' assikurazzjoni.

(8) Meta profitti jinkludu oġġetti ta' *income* li qed jiġu trattati separatament f'Artikli oħra ta' dan il-Ftehim, allura d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikli ma jkunux milquta bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu.

## ARTIKLU 8

### *Trasport bil-Baħar u bl-Ajru*

(1) Il-profitti li jinkisbu minn impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim minn dik l-impriża ta' bastiment jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandu jkun biss taxxabbli f'dak l-Istat.

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-Artiklu, profitti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali tfisser profitti miksubin minn impriża deskritta fil-paragrafu (1) mill-ġarr bil-baħar jew bl-ajru rispettivament ta' passiġġieri, posta, bhejjem jew oġġetti li jsir mis-sidien jew mill-kerrejja jew *charterers* ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru inklużi:

(a) il-bejgħ ta' biljetti għal dak il-ġarr f'isem impriżi oħra;

(b) kull attività oħra li jkillha x'taqsam direttament ma' dak il-ġarr; u

(ċ) il-kiri ta' bastimenti jew ta' inġenji ta' l-ajru li jirreferi għal kull attività li jkollha direttament x'taqsam ma' dak il-ġarr.

(3) Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti deskritti fil-paragrafu (1) mill-użu, manutenzjoni, jew kiri ta' *containers* (inklużi *trailers,* braken u tagħmir relatat għall-ġarr tal-*containers*) li jintużaw f'dak li għandu x'jaqsam mat-tħaddim ta' bastimenti jew ta' inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali ikun biss taxxabbli f'dak l-Istat.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (3) għandhom ikunu japplikaw ukoll għal profitti mill-parteċipazzjoni f'konglomerazzjoni, f'negozju bi sħab, jew f'aġenzija operattiva internazzjonali.

(5) Għall-għanijiet ta' dan l-Artiklu l-imgħax fuq flejjes li jkollhom x'jaqsmu mat-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom jitqiesu bħala profitti miksubin mit-tħaddim ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru, u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 11 (Mgħax) ma għandhomx ikunu japplikaw għar-rigward ta' dak l-imgħax.

## ARTIKLU 9

*Impriżi Assoċjati*

(1) Meta —

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u ta' impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ jiġu magħmula jew imposti kundizzjonijiet bejn iż-żewġ impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji ta' bejniethom li ma jaqblux ma' dawk li kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ profitt li, kieku ma kienux dawk il-kundizzjonijiet, kienu jakkumulaw għal waħda mill-impriżi, iżda minħabba dawk il-kundizzjonijiet ma ġewx hekk akkumulati, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati skond hekk.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-Artiklu ma għandha tolqot l-applikazzjoni ta' xi liġi ta' Stat Kontraenti li jkollha x'taqsam ma' kif jiġi stabbilit kemm għandha titħallas taxxa bl-użu tad-diskrezzjoni jew bl-għemil ta' stima mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat f'każi li fihom, mit-tagħrif li l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat ikollha, ma jkunx possibbli jew prattiku li jiġi stabbilit xi jkunu l-profitti li kellha impriża, kemm-il darba dik il-liġi tiġi applikata, daqskemm ikun jippermetti t-tagħrif li jkollha l-awtorità kompetenti, b'mod li jkun konsistenti mal-prinċipji ta' dan l-Artiklu.

(3) Meta Stat Kontraenti jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-Istat, u jintaxxa skond hekk, profitti li fuqhom impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor ġiet intaxxata f'dak l-Istat l-ieħor u l-profitti hekk magħduda jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża ta' l-ewwel Stat imsemmi kieku l-kundizzjonijiet magħmula bejn iż-żewġ impriżi kienu dawk li kienu jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, allura dak l-Istat l-ieħor għandu jagħmel it-tibdil xieraq fl-ammont tat-taxxa imposta hemmhekk fuq dawk il-profitti. Biex jiġi stabbilit it-tibdil, għandu jittieħed qies xieraq tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jekk iħossu l-bżonn jikkonsultaw lil xulxin.

## ARTIKLU 10

*Dividendi*

(1) Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Iżda, dawk id-dividendi jistgħu jiġu intaxxati wkoll fl-Istati Kontraenti li tiegħu l-kumpannija li tkun tħallas id-dividendi tkun residenti, u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda:

(a) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti fl-Indja lil residenti ta' Malta li jkun is-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' l-Indja hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn:

(i) 10 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi jekk is-sid benefiċjarju jkun kumpannija li jkollha mill-anqas 25 fil-mija mill-ishma tal-kumpannija li tkun qed tħallas id-dividendi; u

(ii) 15 fil-mija ta' l-ammont gross tad-dividendi f'kull każ ieħor;

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti ta' Malta lil residenti ta' l-Indja li jkun is-sid benefiċjarju tagħhom it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont gross tad-dividendi ma għandhiex tkun iżjed minn dik imposta fuq il-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

Dan il-paragrafu ma jolqotx it-tassazzjoni ta' kumpannija għar-rigward tal-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

(3) Il-frażi "dividendi" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn azzjonijiet, ishma *"jouissance"* jew jeddijiet *"jouissance"*, ishma f'xogħol fil-minjieri jew ta' fundaturi, jew drittijiet oħra, li ma jkunux talbiet għal dejn, li jippartećipaw fil-profitti, kif ukoll *income* minn jeddijiet korporattivi oħra li huwa meqjus għall-fini tat-taxxa l-istess bħal *income* minn azzjonijiet skond il-liġijiet ta' dak l-Istat li fih tkun residenti l-kumpannija li tagħmel it-tqassim.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor, li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizz personali indipendenti minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 15, skond il-każ, għandhom japplikaw.

(5) Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-Istat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief meta dividendi bħal dawn jitħallsu lil residenti ta' dak l-Istat l-ieħor jew safejn il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkollu x'jaqsam effettivament ma' stabbiliment permanenti jew ma' bażi stabbilit sitwat f'dak l-Istat l-ieħor, jew jissuġġetta l-profitti mhux distribwiti tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux distribwiti, anki jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux distribwiti jikkonsistu f'kollox jew f'parti minnhom minn profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-Istat l-ieħor.

## ARTIKLU 11

*Mgħax*

(1) Mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti u li jitħallas lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi ntaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Iżda, dak l-imgħax jista' jiġi intaxxat fl-Istat Kontraenti fejn jinqala', u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk min jirċevih ikun is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, it-taxxa hekk imposta m'għandhiex tkun iżjed minn 10 fil-mija ta' l-ammont gross ta' l-imgħax.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2), mgħax li jinqala' fi Stat Kontraenti ikun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat jekk dan ikun miksub mill-Gvern ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jew minn awtorità lokali tiegħu jew minn xi aġenzija jew instrumentalità oħra għal kollox possjeduta u kontrollata minn dak il-gvern jew awtorità lokali.

(4) Il-frażi "mgħax" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser *income* minn drittijiet għal dejn ta' kull xorta, sew jekk ipotekati sew jekk le, u sew jekk jagħti l-jedd għal sehem fil-profitti tad-debitur sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn assigurazzjonijiet tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*, inklużi *premiums* u premjijiet annessi ma' assigurazzjonijiet, *bonds* jew *debentures* bħal dawk.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju ta' l-imgħax, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih jinqalá' l-imgħax permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak l-Istat l-ieħor minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u d-dritt għal dejn li dwaru jitħallas l-imgħax ikollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 15, skond il-każ, għandhom japplikaw.

(6) L-imgħax għandu jitqies li jinqala' fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, iżda, il-persuna li tħallas l-imgħax, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, ikollha fi stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li miegħu jkollu x'jaqsam id-dejn li dwaru jkun tħallas l-imgħax, u dak l-imgħax għandu jitqies li nqala' fl-Istat li fih ikun sitwat l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilit.

(7) Meta, minħabba relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejniethom it-tnejn, u xi persuna oħra, l-ammont ta' l-imgħax meta jitqies id-dritt għal dejn li dwaru jkun tħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'każ bħal dak, il parti żejda tal-ħlasijiet tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, meqjusa b'mod xieraq id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKLU 12

*Royalties u Drittijiet għal Servizzi Inklużi*

(1) *Royalties* u drittijiet għal servizzi inklużi li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Iżda, dawn ir-*royalties* u drittijiet għal servizzi inklużi jistgħu jiġu ntaxxati wkoll fl-Istat Kontraenti li fih jinqalgħu, u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat, iżda jekk min jirċevihom ikun is-sid benefiċjarju tar-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi t-taxxa hekk imposta ma għandhiex tkun iżjed minn 15 fil-mija ta' l-ammont gross tar-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi.

(3) Il-frażi *"royalties"* f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet jew krediti, sew jekk perjodiċi sew jekk le, u b'kull mod kif jiġu deskritti jew maħdumin, sal-limitu li jsiru bħala kumpens:

(a) għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu, ta' kull *copyright*, invenzjoni, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigriet, *trade mark* jew kull proprjetà jew jedd ieħor bħal dawk;

(b) għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu ta', kull tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku;

(ċ) għall-għoti ta' tagħrif jew informazzjoni ta' xorta xjentifika, teknika, industrijali jew kummerċjali;

(d) għall-użu ta', jew għall-jedd ta' l-użu ta':

(i) films ċinematografiċi; jew

(ii) films jew *video tapes* għall-użu fuq it-televiżjoni; jew

(iii) *tapes* għall-użu tax-xandir bir-radju; jew

(e) għal tolleranza totali jew parzjali dwar l-użu jew l-għoti ta' kull proprjetà jew jedd imsemmija f'dan il-paragrafu.

(4) Il-frażi "drittijiet għal servizzi inklużi" f'dan l-Artiklu tfisser ħlasijiet jew krediti, sew jekk perjodiċi jew le, u b'kull mod kif deskritti jew kalkolati, sal-limitu li jsiru b'konsiderazzjoni għal:

(a) il-provvista ta' kull assistenza li tkun anċillari u sussidjarja għal, u li tingħata bħala mezz li jipprovdi biex issir l-applikazzjoni jew it-tgawdija ta' kull proprjetà jew jedd bħal dawk li hemm imsemmija fis-subparagrafu (a) tal-paragrafu (3), jew kull tagħmir bħal dak imsemmi fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu (3), jew kull tagħrif jew informazzjoni bħal dawk imsemmija fis-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (3);

(b) l-għoti ta' kull servizz tekniku jew konsultiv (inkluża l-provvista ta' persunal tekniku jew ta' xort'oħra) jekk dawk is-servizzi jagħmlu disponibbli tagħrif tekniku, (esperjenza, sengħa, *know-how*) jew proċess jew ikunu jikkonsistu fl-iżvilupp u fit-trasferiment ta' pjanta teknika jew ta' disinn tekniku.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor li fih ir-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi jinqalgħu permezz ta' stabbiliment permanenti sitwat hemmhekk, jew ikun qed jaqdi f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilit sitwat hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarha jitħallsu r-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi ikollu x'jaqsam effettivament ma' dak l-istabbiliment permanenti jew ma' dak il-bażi stabbilit. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 15, skond il-każ, għandhom japplikaw.

(6) *Royalties* u drittijiet għal servizzi inklużi għandhom jitqiesu li jinqalgħu fi Stat Kontraenti meta min iħallashom ikun dak l-Istat innifsu, sotto-diviżjoni politika, awtorità lokali jew residenti ta' dak l-Istat. Meta, iżda, il-persuna li tħallas ir-*royalties* jew id-drittijiet għal servizzi inklużi, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li dwaru tkun ittieħdet ir-responsabbiltà li jitħallsu r-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi, u dawk ir-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi ikunu r-responsabbiltà ta' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit, allura dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li jinqalgħu fl-Istat li fih ikun qiegħed l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilit.

(7) Meta, minħabba r-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejniethom stess u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties* jew drittijiet għal servizzi inklużi meta jitqies l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li għalih ikunu mħallsa, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKLU 13

*Drittijiet Tekniċi*

(1) Drittijiet tekniċi li jitnisslu fi Stat Kontraenti li jinkisbu minn residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Madankollu, dawk id-drittijiet tekniċi jistgħu ukoll jiġu intaxxati f'dak l-Istat Kontraenti fejn huma jitnisslu, u skond il-liġijiet ta' dak l-Istat; iżda jekk ir-riċevitur ikun is-sid benefiċjarju tad-drittijiet tekniċi, it-tarifa li hekk ikollha titħallas ma tkunx ta' iktar minn 10 fil-mija mill-ammont gross tad-drittijiet tekniċi.

(3) Il-frażi "drittijiet tekniċi" kif użata f'dan l-Artiklu tfisser kull xorta ta' ħlas lil xi persuna, minbarra ħlas li jsir lil impjegat ta' persuna li tkun qegħda tħallas, b'konsiderazzjoni għal kull servizz ta' xorta teknika, manaġerjali jew konsultiva.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-drittijiet tekniċi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor fejn id-drittijiet tekniċi jitnisslu permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun hemm jinsab, jew iwettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti, u d-drittijiet tekniċi jkunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew ma' dawk is-servizzi. F'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew l-Artiklu 15, skond il-każ, għandhom japplikaw.

(5) Id-drittijiet tekniċi għandhom jitqiesu li jitnisslu fi Stat Kontraenti meta min iħallas ikun dak l-Istat innifsu, sottodiviżjoni politika, awtorità lokali jew korp statutorju tiegħu, jew residenti ta' dak l-Istat. Iżda meta l-persuna li tkun qed tħallas id-drittijiet tekniċi, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk le, ikollha fi Stat Kontraenti stabbiliment permanenti li b'konnessjoni miegħu tkun saret l-obbligazzjoni ta' ħlas tad-drittijiet tekniċi, u dawk id-drittijiet tekniċi jkunu ġew sopportati minn dak l-istabbiliment permanenti, għaldaqshekk dawk id-drittijiet tekniċi għandhom jitqiesu li jkunu tnisslu fl-Istat Kontraenti fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti.

(6) Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u min jirċievi jew bejnithom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tad-drittijiet tekniċi mħallsa ikun iktar, għal liema raġuni tkun, mill-ammont li dwaru jkunu ftehmu min iħallas u s-sid benefiċjarju fin-nuqqas ta' relazzjoni bħal dik, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artiklu għandhom ikunu biss japplikaw għal dak l-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, dik il-parti tal-ħlasijiet li tkun żejda għandha tibqa' taxxabbli skond il-liġi ta' kull Stat Kontraenti wara li jittieħed qies sew tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKLU 14

*Trasferiment ta' Proprjetà*

(1) *Income* minn qliegħ mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli, kif imfissra fil-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 6, jistgħu jiġu ntaxxati fl-Istat Kontraenti fejn tkun tinsab dik il-proprjetà.

(2) *Income* minn qliegħ mit-trasferiment ta' ishma jew interessi komparabbli f'kumpannija, li l-assi tagħha jkunu għal kollox jew prinċipalment jikkonsistu fi proprjetà immobbli, jistgħu jiġu ntaxxati fl-Istat Kontraenti fejn ikunu jinsabu l-assi jew l-assi prinċipali tal-kumpannija.

(3) *Income* minn qliegħ minn trasferiment ta' proprjetà mobbli li tkun tifforma parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni lil bażi stabbilit li jkun għad-dispożizzjoni ta' residenti ta' Stat Kontraenti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għall-fini ta' qadi ta' servizzi personali indipendenti,inkluż dak l-*income* jew qliegħ li jitnissel mit-tneħħija ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew ma' l-impriża sħiħa) jew ta' dak il-bażi stabbilit, jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

(4) *Income* minn qliegħ mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji ta' l-ajru fi traffiku internazzjonali jew minn proprjetà mobbli li tkun tappartjeni lill-operazzjoni ta' dawk il-bastimenti jew inġenji ta' l-ajru għandhom ikunu taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li fih ikun residenti min ibiegħ.

(5) *Income* minn qliegħ mit-trasferiment ta' ishma li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafu (2) f'kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat.

(6) *Income* minn qliegħ minn trasferiment ta' kull proprjetà, barra minn dik imsemmija fil-paragrafi (1), (2), (3), (4) u (5) ikun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti li tiegħu min ibiegħ ikun residenti.

## ARTIKLU 15

*Servizzi Personali Indipendenti*

(1) Qliegħ miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' karattru indipendenti jkun taxxabbli biss f'dak l-Istat. Iżda, dak il-qliegħ jista' fiċ-ċirkostanzi li ġejjin jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti l-ieħor:

(a) jekk ikollu bażi fiss regolari għad-dispożizzjoni tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor għall-qadi ta' l-attivitajiet tiegħu f'liema każ dik il-parti biss mill-*income* tiegħu li hu attribwibbli għal dak il-bażi fiss tista' tiġi ntaxxata f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) jekk il-qagħda tiegħu fl-Istat Kontraenti l-ieħor tkun għal żmien jew żminijiet li fit-total ikunu jġibu jew jaqbżu d-90 ġurnata matul xi sena fiskali.

(2) Il-frażi "servizzi professjonali" tinkludi speċjalment attivitajiet indipendenti xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim kif ukoll attivitajiet indipendenti ta' tobba, kirurġi, avukati, inġiniera, periti, dentisti u *accountants*.

## ARTIKLU 16

### *Servizzi Personali Dipendenti*

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 17, 19, 20 u 21, salarji, pagi u kumpens ieħor bħal dan li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat kemm-il darba l-impieg ma jiġix eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1), kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar impieg eżerċitat fl-Istat Kontraenti l-ieħor ikun taxxabbli biss fl-Istat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun qiegħed fl-Istat l-ieħor għal żmien jew żminijiet li fit-total ma jkunux aktar minn 183 ġurnata f'dik is-sena fiskali partikolari, u

(b) il-kumpens ikun imħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti ta' l-Istat l-ieħor, u

(ċ) dak il-kumpens ma jkunx piż fuq l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilit li l-prinċipal ikollu fl-Istat l-ieħor.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artiklu, kumpens miksub dwar impieg eżerċitat abbord bastiment jew inġenji ta' l-ajru imħaddma fi traffiku internazzjonali minn impriża ta' Stat Kontraenti tista' tkun taxxabbli biss f'dak l-Istat.

## ARTIKLU 17

### *Drittijiet tad-Diretturi*

Id-drittijiet u ħlasijiet simili tad-diretturi li jinkisbu minn residenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti fil-kariga tiegħu bħala membru tal-bord tad-diretturi, jew ta' korp ieħor bħal dak kif jista' jkun mod ieħor magħruf, ta' kumpannija li tkun residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

## ARTIKLU 18

### *Income li jinqala' minn Artisti u Atleti*

(1) B'dak kollu li jinsab fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 15 u 16, *income* miksub minn residenti ta' Stat Kontraenti minn uħud li jagħtu spettaklu bħal artisti tat-teatru, tal-films ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni jew mużiċisti jew bħala atleta mill-attivitajiet personali tiegħu eżerċitati fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-Istat Kontraenti l-ieħor.

(2) Meta *income* dwar l-attivitajiet personali eżerċitati minn wieħed li jagħti spettaklu jew atleta bħala ħekk jinqala' mhux minn dak li jagħti spettaklu jew minn atleta nnifsu imma minn persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 7, 15 u 16, jiġi ntaxxat fl-Istat Kontraenti fejn l-attivitajiet ta' dak li jagħti spettaklu jew ta' l-atleta jiġu eżerċitati.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1), *income* miksub minn min jagħti spettaklu jew minn atleta li jkun residenti ta' Stat Kontraenti mill-attivitajiet personali tiegħu bħal dawk li huwa jwettaq fl-Istat Kontraenti l-ieħor, ikunu taxxabbli biss fl-ewwel Stat Kontraenti, jekk l-attivitajiet fl-Istat Kontraenti l-ieħor jkunu għal kollox jew sostanzjalment sopportati mill-fondi pubbliċi ta' l-ewwel Stat Kontraenti, inklużi s-sotto-diviżjonijiet politiċi jew l-awtoritajiet lokali tiegħu.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) u ta' l-Artikli 7, 15 u 16, meta *income* dwar attivitajiet personali imwettqa minn min jagħti spettaklu jew minn atleta fil-kapaċità tiegħu bħala tali fi Stat Kontraenti jingħema' mhux favur ta' min jagħti spettaklu jew ta' l-atleta nnifsu iżda favur xi persuna oħra, dak l-*income* ikun taxxabbli biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor, jekk dik il-persuna l-oħra tkun sopportata għal kollox jew sostanzjalment mill-fondi pubbliċi ta' dak l-Istat l-ieħor, inklużi s-sotto-diviżjonijiet politiċi jew awtoritajiet lokali tiegħu.

## ARTIKLU 19

*Pensjonijiet*

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 20, kull pensjoni u rimunerazzjoni oħra simili li titħallas lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'impieg li kellu qabel għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1), pensjonijiet u ħlasijiet oħra li jinħarġu bis-saħħa tal-liġijiet tas-sigurtà soċjali ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-Istat.

## ARTIKLU 20

*Servizz tal-Gvern*

(1) (a) Rimunerazzjoni, barra minn pensjoni, imħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sotto-diviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu, lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sotto-diviżjoni jew awtorità tiegħu tista' tiġi intaxxata biss f'dak l-Istat.

(b) Iżda, dik ir-rimunerazzjoni tkun tista' tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-Istat u l-individwu jkun residenti f'dak l-Istat li:

(i) ikun nazzjonali ta' dak l-Istat; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-Istat sabiex unikament jaqdi dawk is-servizzi.

(2) (a) Kull pensjoni mħallsa minn, jew li toħroġ minn fond maħluq minn Stat Kontraenti jew sotto-diviżjoni politika jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu dwar servizzi mogħtija lil dak l-Istat jew sotto-diviżjoni jew awtorità tiegħu tista' tiġi intaxxata biss f'dak l-Istat.

(b) Iżda, dik il-pensjoni tkun tista' tiġi intaxxata biss fl-Istat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti u nazzjonali ta' dak l-Istat.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikli 16, 17 u 19 għandhom japplikaw għal rimunerazzjoni u pensjonijiet dwar servizzi mogħtija dwar xi negozju mmexxi minn Stat Kontraenti jew minn sotto-diviżjoni politika jew minn awtorità lokali tiegħu.

## ARTIKLU 21

*Rimunerazzjoni li l-Għalliema jirċievu*

(1) Ir-rimunerazzjoni li professur jew għalliem li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun joqgħod fl-ewwel Stat għal żmien li ma jkunx ta' iktar minn sentejn bil-għan li jagħmel studju jew riċerka avvanzati jew li jgħallem ġewwa università, kulleġġ, skola jew istituzzjoni edukattiva oħra jirċievi għal dak ix-xogħol ma għandux jiġi intaxxat f'dak l-Istat, kemm-il darba dik ir-rimunerazzjoni tinkiseb minnu minn barra dak l-Istat.

(2) Dan l-Artiklu ma japplikax għal *income* minn riċerka jekk dik ir-riċerka tkun saret bil-għan ewlieni li tkun għall-benefiċċju privat ta' persuna jew persuni speċifiċi.

## ARTIKLU 22

*Pagamenti li Studenti u Trainees jirċievu*

Individwu li jkun residenti ta' Stat Kontraenti minnufih qabel ma jagħmel żjara lill-Istat Kontraenti l-ieħor u li jkun għal xi żmien preżenti fl-Istat l-ieħor biss:

(a) bħala student f'università, kulleġġ jew skola rikonoxxuti jew f'istituzzjoni edukattiva oħra rikonoxxuta bħal dawk, f'dak l-Istat l-ieħor; jew

(b) bħala apprendist kummerċjali jew tekniku; jew

(ċ) bħala wieħed li jirċievi għotja, *allowance* jew rigal bil-għan ewlieni ta' studju, riċerka jew taħriġ mingħand il-gvern ta' xi wieħed mill-Istati jew minn organizzazzjoni xjentifika, edukattiva, reliġjuża jew filantropika jew bis-saħħa ta' programm ta' assistenza teknika li jkun għamel il-Gvern ta' Stat,

jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat l-ieħor fuq:

(a) kull ma jirċievi minn barra l-pajjiż għall-finijiet tal-manteniment, edukazzjoni, studju, riċerka jew taħriġ tiegħu;

(b) is-somma ta' dik l-għotja, *allowance* jew rigal; u

(ċ) kull rimunerazzjoni li ma tkunx taqbeż ammont ekwivalenti għal US$ 3,000 matul xi sena fiskali waħda dwar servizzi f'dak l-Istat l-ieħor kemm-il darba dawk is-servizzi jitwettqu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istudju, riċerka jew taħriġ tiegħu jew ikunu meħtieġa għall-manteniment tiegħu.

ARTIKLU 23

*Income Ieħor*

(1) Oġġetti ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma humiex trattati fl-Artikli ta' qabel ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu taxxabbli biss f'dak l-Istat.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ma għandhomx japplikaw għal *income,* li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfisser fil-paragrafu (2) ta' l-Artiklu 6, jekk min jirċievi dak l-*income,* li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, jiġġestixxi negozju fl-Istat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak l-Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi fiss li jkun jinsab f'dak l-Istat, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* ikollu x'jaqsam b'mod effettiv ma' dak l-istabbiliment jew bażi fiss. F'dak il-każ, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 7 jew ta' l-Artiklu 15, skond il-każ.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (1) u (2) partiti ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti li ma ssemma xejn dwarhom fil-paragrafi ta' qabel dan ta' din il-Konvenzjoni u li jitnisslu fl-Istat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu wkoll intaxxati f'dak l-Istat l-ieħor.

## KAPITOLU IV

## TNEĦĦIJA TA' TAXXA DOPPJA

ARTIKLU 24

*Tneħħija ta' Taxxa Doppja*

(1) Il-liġijiet li jkunu fis-seħħ f'xi Stat Kontraenti jew l-ieħor għandhom jibqgħu irieġu t-tassazjoni ta' *income* fl-Istati Kontraenti rispettivi minbarra meta issir dispożizzjoni espressa għal kuntrarju f'dan il-Ftehim.

(2) Fil-każ ta' l-Indja it-taxxa doppja għandha titneħħa kif ġej:

Meta residenti ta' l-Indja jikseb *income* li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jistgħu jiġu intaxxati f'Malta, l-Indja għandha tippermetti bħala tnaqqis mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti ammont li jkun daqsinsew għat-taxxa fuq l-*income* li titħallas f'Malta sew direttament jew bi tnaqqis. Dak it-tnaqqis f'kull każ ma għandux, madankollu, ikun iktar minn dik il-parti tat-taxxa fuq l-*income* (kif maħduma qabel ma jingħata t-tnaqqis) li hija attribwibbli, skond il-każ, għall-*income* li jista' jiġi intaxxat f'Malta.

(3) Għall-għanijiet tal-paragrafu (2), il-grażi "taxxa fuq l-*income* li titħallas f'Malta" għandha titqies li tinkludi l-ammont ta' taxxa ta' Malta li kieku kienet titħallas, bis-saħħa tal-liġijiet ta' Malta u skond dan il-Ftehim, fuq kull *income* miksub minn għejjun f'Malta li kieku l-*income* ma jkunx ġie intaxxat b'rata mnaqqsa jew eżentat mit-taxxa ta' Malta skond:

(a) l-Ordinanza ta' l-1959 dwar l-Għajnuna lill-Industrji u l-Att ta' l-1988 dwar l-Iżvilupp Industrijali sakemm ikunu fis-seħħ fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim u ma jkunux ġew modifikati minn dik id-data, jew jekk ikunu ġew modifikati dan ikun sar biss f'affarijiet żgħar b'mod li x-xorta ġenerali tagħhom ma tintlaqatx; jew

(b) kull dispożizzjoni oħra fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123) jew f'kull liġi oħra li tista' sussegwentement tiddaħħal f'Malta b'modifika, jew b'żieda, għal-liġijiet ta' inċentivi speċjali li hemm jeżistu sakemm l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jkunu jaqblu bejnithom li dawn ikunu ta' xorta sostanzjalment simili.

(4) Fil-każ ta' Malta, it-taxxa doppja għandha titneħħa kif ġej:

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta dwar kreditu permess fit-taxxa ta' Malta għar-rifward tat-taxxa barranija, meta, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ikun hemm inkluż fi stima ta' Malta *income* minn għejjun ġewwa l-Indja, it-taxxa ta' l-Indja fuq dak l-*income* għandha tiġi permessa bħala kreditu fit-taxxa ta' Malta relattiva li titħallas fuqhom.

(5) Għall-għanijiet tat-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu (4), il-frażi "it-taxxa ta' l-Indja fuq dak l-*income*" għandha titqies li tinkludi kull ammont li biex ikollu jitħallas bħala taxxa ta' l-Indja bis-saħħa tal-liġijiet ta' l-Indja u skond dan il-Ftehim għal kull sena li tkun ħlief għal eżenzjoni minn, jew tnaqqis ta', taxxa mogħtija għal dik is-sena taħt:

(a) l-Artikoli 10(4), 10(4B), 10(6)(vii a), 10(15)(iv), 10A, 10B, 80 1A, 80 HHC, 80 HHD, 80 HHE ta' l-*Income Tax Act, 1961* (43 ta' l-1961), sakemm dawn kienu fis-seħħ fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim u ma jkunux ġew modifikati minn dik id-data, jew jekk ikunu ġew modifikati dan ikun sar biss f'affarijiet żgħar b'mod li x-xorta ġenerali tagħhom ma tintlaqatx; jew

(b) kull dispożizzjoni oħra li tista' ssir b'liġi minn issa 'l quddiem li tkun tagħti tnaqqis fil-kalkular ta' l-*income* taxxabbli jew eżenzjoni jew tnaqqis mit-taxxa li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti jiftehmu li tkun għall-għanijiet ta' l-iżvilupp ekonomiku ta' l-Indja, jekk din ma tkunx ġiet wara modifikata jew tkun ġiet modifikata biss f'affarijiet żgħar b'mod li ma tintlaqatx ix-xorta ġenerali tagħhom.

(6) Meta l-Ftehim ikun jipprovdi li l-*income* li jitnissel fi Stat Kontraenti għandu jinħeles mit-taxxa f'dak l-Istat, sew jekk kollu kemm hu jew f'parti minnu, u skond il-liġi li tkun fis-seħħ fl-Istat Kontraenti l-ieħor, dak l-*income* ikun suġġett għat-taxxa b'referenza għall-ammont tiegħu li jingħata lura lil jew li jiġi riċevut f'dak l-Istat l-ieħor u mhux b'referenza għall-ammont sħiħ tiegħu, għaldaqshekk il-ħelsien li jiġi permess fl-ewwel Stat ikun japplika biss għal daqstant mill-*income* daqskemm jingħata lura jew jiġi riċevut fl-Istat l-ieħor.

(7) Dak l-*income* li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ma jkunx suġġett għal taxxa fi Stat Kontraenti, jista' jitqies bil-għan li jsir kalkolu tar-rata ta' taxxa li jkollha tiġi imposta f'dak l-Istat Kontraenti.

## KAPITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

### ARTIKLU 25

*Ebda Diskriminazzjoni*

(1) Nazzjonali ta' Stat Kontraenti ma għandhomx jiġu suġġetti fl-Istat Kontraenti l-ieħor għal xi tassazzjoni jew xi ħtieġa li għandha x'taqsam magħha li ma tkunx jew li tkun ta' piż aktar mit-tassazzjoni u ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li għalihom nazzjonali ta' dak l-Istat l-ieħor fl-istess ċirkostanzi huma jew jistgħu jkunu suġġetti.

Din id-dispożizzjoni għandha, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 1, tapplika wkoll għal dawk il-persuni li ma jkunux residenti ta' xi wieħed minn, jew taż-żewġ Stati Kontraenti.

(2) It-tassazzjoni fuq stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-Istat Kontraenti l-ieħor ma għandhiex tingħabar f'dak l-Istat l-ieħor b'mod inqas favorevoli mit-tassazzjoni miġbura fuq impriżi f'dak l-Istat l-ieħor li jmexxu l-istess attivitajiet fl-istess ċirkostanzi jew taħt l-istess kondizzjonijiet. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tinftihem bħala li ċċaħħad Stat Kontraenti milli jintaxxa l-profitti ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor ikollha fl-ewwel Stat b'rata ta' taxxa li tkun ogħla minn dik imposta fuq il-profitti ta' impriża simili ta' l-ewwel Stat Kontraenti, u l-anqas bħala li hi waħda konfliġġenti mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' l-Artiklu 7 ta' dan il-Ftehim.

(3) Ħlief meta d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta' l-Artiklu 9, tal-paragrafu (7) ta' l-Artiklu 11, jew tal-paragrafu (6) ta' l-Artiklu 12 ikunu japplikaw, kull mgħax, *royalties* u drittijiet għal servizzi inklużi u ħlasijiet oħra li jsiru minn impriża ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-Istat Kontraenti l-ieħor għandhom bil-għan li jiġi stabbilit il-qliegħ taxxabbli ta' dik l-impriża, jitnaqqsu taħt l-istess kundizzjonijiet daqslikieku kienu tħallsu lil residenti ta' l-Istat l-ewwel imsemmi.

(4) Impriżi ta' Stat Kontraenti, li l-kapital tagħhom ikun proprjetà ta' jew ikkontrollat minn, għal kollox jew f'parti, direttament jew indirettament, residenti wieħed jew aktar ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor, ma jkunux suġġetti fl-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi għal xi tassazzjoni jew xi ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tkun oħra jew ta' aktar piż mit-tassazzjoni u ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu magħha li impriżi oħra bħalhom ta' dak l-Istat l-ewwel imsemmi huma jew jistgħu jkunu suġġetti għalihom fl-istess ċirkostanzi.

(5) Xejn li hemm f'dan l-Artiklu ma għandu jitqies li jorbot Stat Kontraenti li jagħti lil individwi li jkunu residenti ta' l-Istat Kontraenti l-ieħor xi tnaqqis personali, ħelsien jew tnaqqis għall-finijiet ta' taxxa minħabba l-istatus ċivili, ir-responsabbiltajiet tal-familja jew kull ċirkostanza personali oħra li huwa jagħti lir-residenti tiegħu stess.

(6) F'dan l-Artiklu, il-frażi "tassazzjoni" tfisser dawk it-taxxi li hemm fil-qofol ta' dan il-Ftehim.

## ARTIKLU 26

*Proċedura għal Ftehim Reċiproku*

(1) Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti ta' wieħed mill-Istati Kontraenti jew tat-tnejn iwasslu jew jistgħu jwasslu li tiġi ntaxxata mhux skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, hija tista', minkejja r-rimedji provduti bil-liġi domestika ta' dawk l-Istati, tippreżenta l-każ tagħha lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tiegħu hija residenti jew, jekk il-każ tagħha jkun jaqa' taħt il-paragrafu (1) ta' l-Artiklu 25, lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti li tagħha tkun nazzjonali. Il-każ għandu jiġi preżentat fi żmien tliet snin mill-ewwel notifika ta' l-azzjoni li tagħti lok għal tassazzjoni li ma tkunx skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tara, jekk l-oġġezzjoni tidhrilha li tkun waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni tajba, li tiddeċiedi l-każ bi ftehim reċiproku ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti l-

ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni mhux skond dan il-Ftehim. Kull ftehim milħuq għandu jitwettaq minkejja kull terminu ta' żmien li jkun hemm fil-liġijiet nazzjonali ta' l-Istati Kontraenti.

(3) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti għandhom jaraw li jirrisolvu bi ftehim reċiproku xi diffikultajiet jew dubbji li jinqalgħu dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Huma jistgħu jikkonsultaw ma' xulxin dwar it-tneħħija ta' taxxa doppja f'dawk il-każijiet fejn mhemmx provdut dwarhom fil-Ftehim.

(4) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar kif hemm fil-paragrafi ta' qabel. Meta jkun jidher rakkomandabbli sabiex jintlaħaq ftehim li għandu jsir skambju verbali ta' fehmiet, dak l-iskambju jkun jista' jsir permezz ta' kummissjoni li tkun komposta minn rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti.

## ARTIKLU 27

*Tibdil ta' Informazzjoni*

(1) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Kontraenti għandhom jibdlu dik l-informazzjoni li tkun meħtieġa sabiex jitwettqu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi ta' l-Istati Kontraenti dwar taxxi milquta bil-Ftehim safejn it-tassazzjoni ma tmurx kontra l-Ftehim b'mod partikolari għat-tħaris mill-frodi jew l-evażjoni minn dawk it-taxxi. Kull informazzjoni li tasal għand Stat Kontraenti għandha titqies sigrieta bl-istess mod bħal informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-Istat. Madankollu, jekk l-informazzjoni tkun oriġinarjament meqjusa bħala waħda sigrieta fl-Istat trasmittenti, din għandha titgħarraf biss lil persuni jew awtoritajiet (magħduda qrati u korpi amministrattivi) imdaħħla fl-istima jew ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew il-qtugħ ta' appelli dwar, it-taxxi li huma fil-qofol tal-Ftehim. Dawn il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw l-informazzjoni għal dawk l-għanijiet biss iżda jistgħu jikxfu dik l-informazzjoni fi proċedimenti li jsiru f'qorti pubblika jew f'sentenzi tal-qorti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw, permezz tal-konsultazzjonijiet, kundizzjonijiet, metodi u kull teknika tajbin li jolqtu dawk il-ħwejjeġ li għar-rigward tagħhom dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir, inkluż fejn ikun japplika, l-iskambju ta' informazzjoni għar-rigward tal-evitar tat-taxxa.

(2) F'ebda każ ma għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) jitqiesu li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jieħu miżuri amministrattivi li ma jaqblux mal-liġijiet jew l-użanza amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali ta' l-użanza amministrattiva ta' dak l-Istat Kontraenti jew ta' l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet tal-kummerċ, tan-negozju, industrijali, kummerċjali jew professjonali jew proċess tal-kummerċ, jew li jagħti informazzjoni li l-kxif tagħha jkun kontra l-ordni pubbliku *(ordre public)*.

ARTIKLU 28

*Aġenti Diplomatiċi u Uffiċjali Konsulari*

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandha tolqot il-privileġġi fiskali ta' aġenti diplomatiċi jew ta' uffiċjali konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

**KAPITOLU VI**

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

ARTIKLU 29

*Bidu fis-Seħħ*

(1) Il-Gvernijiet tal-Istati Kontraenti għandhom javżaw lil xulxin meta jkunu twettqu l-ħtiġiet legali għall-bidu fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(2) Il-Ftehim għandu jibda jseħħ tletin jum wara d-data ta' l-aħħar avviż mogħti skond ma hemm fil-paragrafu (1) u d-dispożizzjonijiet tiegħu għandu jkollhom seħħ:

(a) f'Malta

għar-rigward ta' *income* għal "sena fiskali" li tkun tibda fl-ewwel jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi wara s-sena meta dan il-Ftehim jibda jseħħ;

(b) fl-Indja:

għar-rigward ta' *income* għal "sena fiskali" li tkun tibda fl-ewwel jew wara l-ewwel jum ta' April tas-sena kalendarja li tiġi wara s-sena meta dan il-Ftehim jibda jseħħ.

ARTIKLU 30

*Terminazzjoni*

Dan il-Ftehim għandu jibqa' jseħħ sakemm jiġi terminat minn Stat Kontraenti. Kull wieħed mill-Istati Kontraenti jista' jtemm il-Ftehim, permezz ta' kanali diplomatiċi, billi jagħti avviż tat-terminazzjoni mill-anqas sitt xhur qabel it-tmiem ta' xi sena kalendarja li tibda wara li jintemm perijodu ta' ħames snin minn meta l-Ftehim ikun beda jseħħ. F'dak il-każ, il-Ftehim ma għandux jibqa' fis-seħħ:

(a) f'Malta

għar-rigward ta' *income* għal "sena fiskali" li tkun tibda fl-ewwel jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena kalendarja li tiġi wara s-sena meta jkun ingħata l-avviż tat-terminazzjoni;

(b) fl-Indja:

għar-rigward ta' *income* għal "sena fiskali" li tkun tibda fl-ewwel jew wara l-ewwel jum ta' April tas-sena kalendarja li tiġi wara s-sena meta jkun ingħata l-avviż tat-terminazzjoni.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL fil-Belt Valletta, Malta illum it-tmienja u għoxrin ta' Settembru, 1994, in duplikat fl-ilsna Hindi u dak Ingliż, iż-żewġ testi awtentiċi daqsinsew Fil-każ ta' diverġenza bejn iż-żewġ testi ikun it-test Ingliż dak operattiv.

GĦALL-GVERN TA' MALTA

John Dalli

Ministru tal-Finanzi

GĦALL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' L-INDJA

Malavalli Venkatappa
Chandrashekara Murthy
Ministru ta' l-Istat għad-Dħul u għall-Infieq